IR-RABAT

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-BAĦRIJA**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU B 02**

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tnejn 4 ta' Awwissu 2014 fil-5.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin |
| Is-Sur Paul Galea | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur George Attard | Membru |
| Is-Sna Marthese Cortis | Membru |
| Is-Sur Anġlu Portelli | Membru |
| | |
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**0.01** **Iċ-Ċerpersin Paul Grech ppropona li jkun hemm bdil fl-ordni tal-aġenda billi jiġi diskuss issa *item* nru 4 tal-aġenda. Dan sabiex l-*accountant* tal-Kunsill ikun jista' jagħti rendikont finanzjaru għall-ewwel sitt xhur tas-sena. Il-Kumitat qabel**.

**4.00** **Diskussjoni dwar il-finanzi**

4.01 L-*accountant* tal-Kunsill ta spjegazzjoni tal-*Management Accounts* għall-ewwel sitt xhur tas-sena, liema *Management Accounts* jinsabu annessi ma' dawn il-minuti. Diskussjoni dwar il-finanzi

** Is-Sna Marthese Cortis daħlet għal-laqgħa fil-5.10 ta' filgħaxija.

4.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-Kunsill kien embarka fuq inizjattiva ġdida fejn tidħol il-manutenzjoni tat-toroq, billi xtara l-materjal u l-manutenzjoni saret mill-*handyman* tal-Kunsill. Hija qalet li billi saru diversi xogħliiet sakemm inħatar il-Kumitat il-ġdid, l-ispiża ta' dan ix-xogħliiet ħarġet mill-allokazzjoni tal-Kunsill u mhux mill-allokazzjoni tal-Kumitat Amministrattiv. Hija spjegat lill-membri li peress li l-Kumitat Amministrattiv preċedenti kien spiċċa b'*defiċit*, dan għen biex id-dejn li kellu l-Kumitat issa rkuprah u bħalissa jinsab b'*surplus*. Fir-rigward tas-servizz tal-*bulky refuse*, hija qalet li huwa diffiċli li

wiehed jikkwantifikah il-gbir li jsir miz-zona tal-Bahrija u għaldaqstant f'dan il-każ ukoll l-ispiża kollha ta' dan is-servizz qeda tohrog mill-allokazzjoni tal-Kunsill.

**Il-Kumitat qabel li jkompli bl-ordni tal-aġenda**

**1.00 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B01**

1.01 Il-minuti tas-seduta nru B01 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati miċ-Ċerpersin u s-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B01

** Is-Sur Anġlu Portelli daħal għal-laqgħa fil-5.25 ta' filgħaxija.

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti B01**

2.01 Ma kien hemm l-ebda punt maħruġa mill-minuti. Punti li joħorġu mill-Minuti B02

**3.00 Kommunikazzjoni mill-Membri**

3.01 Iċ-Ċerpersin Paul Grech ippropona li tinħareġ sejħa għall-offerti għall-qtugħ tal-ħaxix. Huwa ppropona li sakhemm jinhareg it-*tender* issiru dawk iż-żoni li l-aktar li hemm bżonn urġenti illi jinqatgħalhom il-ħaxix ħażin. Issekonda din il-proposta s-Sur Paul Galea. Il-Kumitat qabel unanimament. Ħruġ ta' sejħa għall-offerti għall-qtugħ ta' ħaxix

3.02 Is-Sur Paul Galea ppropona li ssir l-installazzjoni ta' erba' bozoz ġodda milli hemm approvat u li jinsabu fuq l-*waiting list*. Huwa talab li jigu nstallati ta' Triq in-Namura, Wied Rini, Triq il-Girna, u ohra fil-*main road* tal-Baħrija. Is-Sur Paul Grech issekonda din l-proposta. Il-Kumitat qabel unanimament. Installazzjoni ta' erba' bozoz ġodda

3.03 Is-Sur George Attard irrimarka li l-wajer tad-dawl perikoluż fi Triq il-Lewż k/m Triq il-Kappella l-Qadima li kien irraporta sentejn ilu, għadu kif kien. Ġie deċiż li terga tintbagħat *reminder* lill-Korporazzjoni Enemalta. Wajer tad-dawl perikoluż fi Triq il-Lewż k/m Triq il-Kappella l-Qadima

**5.00 Korrispondenza**

5.01 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1133/14,** is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li t-talba tal-Kumitat Amministrattiv precedenti li jinstalla *speed camera* fit-Triq tal-Baħrija gie mghoddija lir-Reġjun tat-Tramuntana, Hija qalet li l-Kumitat Reġjonali kien approva t-talba tal-Kumitat Amministrattiv u għaldaqstant issa qeghdin nistennew l-approvazzjoni ta' *Transport Malta*. *Speed Camera* fit-Triq tal-Baħrija

5.02 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1215/14**, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-Kumitat irċieva ittra mingħand residenta fejn qed titlob li Qtugħ ta' ħaxix ħażin minn Triq il-

jinqata' l-ħaxix ħażin minn Triq il-Ġnien tan-Nigra. Is-Sur Paul Grech ippropona li dan jinqata'. Issekonda din il-proposta s-Sur George Attard. Il-Kumitat qabel unanimament.

Ġnien tan-Nigra

5.03 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1005/14**, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-Kumitat irċieva lment dwar il-ħmieġ li hemm fil-Pjazza tal-Baħrija. F'din l-istess ittra hemm ukoll talba sabiex jitwaħħlu *l-litter bins* fil-Pjazza tal-Baħrija u sabiex jiġi mnaddaf wara l-*istage*. Ġie deċiż li tinġabar stima għal dawn il-*litter bins*. Is-Sur George Attard offra li jiġbor l-imsemmija stima. Is-Sur Paul Grech ippropona li jitwaħħal ukoll *litter bin* ħdejn il-*bus shelter*. Issekonda din il-proposta s-Sur Paul Galea. Il-Kumitat qabel unanimament.

Ilment dwar ħmieġ fil-pjazza tal-Baħrija

5.04 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1182/14**, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-Kumitat irċieva lment dwar rimi ta' skart fil-parti li mhix asfaltata fi Triq in-Namura, Baħrija. Iċ-Ċerpersin offra li jmur jiċċekkja sabiex jara jekk iż-żona hijiex privata jew pubblika u x'tip ta' skart hemm mormi.

Rimi ta' skart fi Triq in-Namura

5.05 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li dwar it-talba li kien għamel il-Kumitat Amministrattiv preċedenti dwar l-installazzjoni ta' tliet *zebra crossings*, ktibna lil Transport Malta u talbuna l-pjanta *to scale*. Għaldaqstant, qegħdin f'kuntatt mal-perit tal-Kunsill sabiex jippreparalna din il-pjanta.

Tliet *zebra crossings*

5.06 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1262/14,** is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa b'ittra mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed jitolbu l-imejl *addresses* ta' kull membru tal-Kumitat Amministrattiv. Hija infurmat lill-membri li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien qiegħed jagħtihom l-għażla li min irid jista' juża l-*imejl address* tiegħu personali, jew inkella jkollhom wieħed tal-gvern. Sabiex il-Kumitat inaqqas mill-ispejjeż li diġà għandu ġie deċiż li kulħadd juża l-imejl *addresses* personali tiegħu.

Imejl *addresses* tal-membri

## 6.00 Materji Oħra

6.01 Is-Sindku Charles Azzopardi talab li jinqata' l-ħaxix ħażin minn Wied il-Bużbież, Landrijiet (mis-siġar 'l fuq, sal-Landrijiet), il-Ġnien tan-Nigra, L-Imtaħleb (lejn Għar Żerriegħa) u Fomm ir-Riħ. Is-Sur Paul Grech ippropona li dan ix-xogħol isir. Issekonda din il-proposta s-Sur Paul Galea. Il-Kumitat qabel unanimament.

Qtugħ ta' ħaxix

6.02 Is-Sindku Charles Azzopardi talab li titnaddaf iż-żona ta' Ras ir-Raheb peress li xi residenti rrapurtaw li hemm ħafna ħmieġ. Ġie deċiż li tinġabar stima qabel ma jsir dan ix-xogħol.

Tindif f'Ras ir-Raheb

6.02 Is-Sur Anġlu Portelli ppropona li jinqata' l-ħaxix ħażin taż-żona tal-Kunċizzjoni. Issekondat din il-proposta s-Sna Marthese Cortis. Il-Kumitat qabel unanimament.

Qtugħ ta' ħaxix taż-żona tal-Kunċizzjoni

## 7.00 Data tas-seduta li jmiss

7.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-Ħamis 4 ta' Settembru 2014 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Data tas-seduta li jmiss

7.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.15 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum il-Ħamis ... 4 ... ta' Settembru 2014

**Paul Grech**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**